# Persuni b'Diżabilità

# il-Liġi
# Opportunitajiet Indaqs

## Rapport Annwali 2008/09

Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità
KNPD

Pubblikazzjoni:
**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
Ċentru Ħidma Soċjali, Istitut Vincenzo Bugeia, Santa Venera
Telefon: 2278 8555
Fax: 2278 8490
Textelefon: 2144 6536
Emejl: helpdesk@knpd.org
www.knpd.org

© Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità - 2010

Edituri: Fred Bezzina, Marianne Debono, Elvin Sciberras

# WERREJ

| | |
|---|---|
| Daħla | 05 |
| Sommarju Eżekuttiv | 07 |
| Ħarsa Ġenerali | 09 |
| Ilmenti Importanti | 21 |
| Lista ta' Lmenti Kollha | 33 |

# Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs Disa' snin fis-seħħ

Fl-2009 il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (LOI) għalqet disa' snin li daħlet fis-seħħ. Magħha wkoll bdiet il-ħidma tat-Taqsima tal-KNPD. Il-LOI hija l-għodda ewlenija li għandna biex inħarsu d-drittijiet ċivili tagħna. Għalhekk dejjem irridu naraw li din il-liġi tibqa' relevanti għall-ħajja tagħna l-persuni b'diżabilità.

Fis-sena 2009 il-KNPD ħadmet fuq total ta' 285 ilment li minnhom 113 kienu għadhom pendenti mis-snin ta' qabel. L-ilmenti ġodda kienu jgħoddu 172. Ir-Rapport Annwali juri li li lmenti ġodda żdiedu b'74, jew 76%. Dan huwa riżultat inkoraġġanti għaliex juri ċar li l-persuni b'diżabilità u l-familjari tagħhom qed jgħarfu dejjem aktar il-valur tagħhom nnfushom bħala ċittadini sħah u għaldaqstant l-importanza li jiddefendu d-drittijiet tagħhom.

L-oqsma tal-aċċessibilità u tal-edukazzjoni baqgħu l-aktar fejn kien hemm attività. Dan nifhmuh għaliex nafu kemm għad baqa' x'isir biex ngħelbu l-ostakli fiżiċi li jeżistu f'pajjiżna, u fl-istess waqt nagħrfu l-fatt li l-edukazzjoni hija l-pediment ta' ħajja indipendenti, produttiva u sħiħa.

Sfortunatament, il-qasam tax-xogħol għadu mhux qed juri l-livell t'attività li nixtiequ. Forsi dan għaliex in-numru ta' persuni b'diżabilità f'impjieg siewi għadu wieħed pjuttost baxx ħafna. Dan huwa settur li pajjiżna baqgħalu ħafna ħidma x'jagħmel biex in-numru ta' persuni b'diżabilità f'impjieg siewi jilħaq il-medja nazzjonali ta' impjegati bla diżabilità.

Fil-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi n-numru ta' lmenti żdied u dan, kif jgħid ir-Rapport, juri li l-persuni b'diżabilità qed isiru aktar konxji dwar l-użu tal-LOI f'dan is-settur importanti.

Nifhmu, minn naħa l-oħra, li n-numru ta' lmenti fl-oqsma tad-djar u tal-assigurazzjoni baqgħu

baxxi meta mqabbla mal-oqsma l-oħra. Dan għaliex in-numru ta' persuni b'diżabilità li jgħixu għal rashom u forsi kellhom bżonn jagħmlu polza ta' assigurazzjoni biex jieħdu self mill-bank baqa' wieħed baxx ħafna.

Il-LOI tidher li qed iżżomm pass mal-iżvilupp tal-kwalità ta' ħajja tal-persuni b'diżabilità, imma dan tista' tibqa' tagħmlu biss sakemm it-Taqsima tal-Liġi fi ħdan il-KNPD jkollha r-riżorsi kollha li jirrenduha effettiva. Inħoss li issa, wara disa' snin ta' ħidma u ta' prova, wasal iż-żmien li nibdew naħsbu biex issir riforma sħiħa fil-ħidma ta' din it-Taqsima, biex, barra milli tibqa' taġġorna lilha nnfisha, din tiġi msaħħa biex tkun tista' tilqa' aħjar l-isfidi ġodda li qed jiżviluppaw flimkien mat-titjib fil-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità Maltin u Għawdxin.

Kif nagħmel ta' kull sena', nfakkar li l-KNPD, il-Liġi Opportunitajiet Indaqs u t-Taqsima tal-Liġi huma wirt tagħna lkoll: persuni b'diżabilità u ta' dawk li jtuna s-sapport li neħtieġu fil-ħajja tagħna. Jekk irridu Liġi b'saħħitha rridu nissieltu biex nassiguraw li l-Liġi għandha r-riżorsi meħtieġa biex tkun effettiva Għalhekk għandna bżonn is-sapport tagħkom. Wasslu l-vuċi tagħkom fuq il-meżżi tax-xandir, fil-postijiet fejn isiru d-deċiżjonijiet (bħall-parlament) ħalli aħna wkoll jkollna r-riżorsi meħtieġa biex inkunu nistgħu nassiguraw, li bis-saħħa tal-LOI nibqgħu nsibu postna fil-qalba tal-komunità tagħna, bħala ċittadini li ngawdu mill-istess livell ta' dinjità u opportuntajiet soċjali.

**Joseph M. Camilleri**
*Jannar, 2010*

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

- Matul din is-sena, il-Kummissjoni ħadmet fuq total ta' 285 ilment, 113 li kienu pendenti mis-snin preċedenti u 172 ilment ġdid.
- In-numru ta' lmenti ġodda għal din is-sena hu ta' 74 ilment aktar minn dak tas-sena ta' qabel, żieda ta' 76%.
- In-numru ta' lmenti għal din is-sena hu ta' 75 ilment aktar mill-medja tal-ilmenti li l-Kummissjoni tirċievi kull sena.
- Fil-qasam tax-xogħol, in-numru ta' lmenti ġodda għal dan il-perjodu kien ta' ħdax, żieda ta' 3 ilmenti fuq dak tas-sena l-oħra
- Fil-qasam tal-edukazzjoni, in-numru ta' lmenti wera żieda ta' 10 ilmenti billi n-numru tela' minn 28 għal 38 ilment.
- Bħas-snin preċedenti, il-qasam tal-aċċessibilità baqa' l-qasam li l-aktar isiru lmenti dwaru, fejn kien hemm żieda ta' 21 ilment mis-sena l-oħra, minn 44 ilment għal 65 ilment.
- Fil-qasam tal-għoti ta' servizzi u oġġetti, in-numru ta' lmenti żdied b'35 ilment, minn 15-il ilment tela' għal 50 ilment.
- In-numru ta' lmenti ġodda fil-qasam tad-djar u tal-assigurazzjoni baqgħu baxxi ħafna, 6 ilmenti f'tal-ewwel u 2 ilmenti f'tat-tieni.
- Matul dan il-perjodu l-Kummissjoni għalqet 140 ilment filwaqt li 139 ilment għadhom qed jiġu diskussi.
- Il-kawża li l-Kummissjoni kellha quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ dwar l-ispiżerija Rational ingħalqet bis-sentenza tkun kontra l-Kummissjoni.
- Il-Kummissjoni rnexxielha tikkonkludi 49% tal-ilmenti kollha li ħadmet fuqhom matul din is-sena, żieda ta' 11-il punt perċentwal fuq is-sena ta' qabel.
- Il-maġġoranza tal-ilmenti magħluqa kienu dwar l-aċċessibilità u dwar l-għoti

ta’ oġġetti u servizzi, 45 ilment jew 32% tal-ilmenti li rċeviet il-Kummissjoni matul din is-sena.

- Il-Kummissjoni għalqet il-każijiet kollha relatati mal-qasam tax-xogħol (11-il ilment) u mal-qasam tad-djar (6 ilmenti).
- Fil-qasam tal-edukazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet 31 ilment jew 22% tal-ilmenti li kellha.
- Il-maġġoranza tal-ilmenti (64%) li għadhom qed jiġu diskussi huma relatati mal-aċċessibilità. It-tieni l-akbar numru ta’ lmenti li għadhom miftuħa hu dak relatat mal-edukazzjoni, 33 ilment; filwaqt li hemm 16-il ilment miftuħ fil-qasam tal-għoti ta’ oġġetti u servizzi.
- Matul din is-sena kien hemm aktar ilmenti li saru kontra entitajiet pubbliċi (55%) milli kontra s-settur privat (44%).
- L-ilmenti kontra l-Gvern żdiedu b’20 punt perċentwal, filwaqt li l-ilmenti kontra s-settur privat naqsu b’14-il punt perċentwal.
- L-ilmenti magħluqa fil-konfront ta’ entitajiet parastatali kienu ta’ 73% tal-każijiet, 69% fil-konfront tal-Gvern, 61% fil-konfront tal-Kunsilli Lokali, 43% fil-konfront tas-settur privat filwaqt li r-rata tal-ilmenti magħluqa fil-konfront tal-Knisja kienet waħda baxxa ta’ 16%.
- Il-Kummissjoni għandha tliet każijiet quddiem il- Qorti: kontra d-Diviżjoni tas-Saħħa rigward l-aċċessibilità fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira, kontra l-Ministeru tal-Edukazzjoni rigward l-għoti ta’ mediċina fl-iskejjel lill-istudenti b’diżabilità u kontra l-Banif Bank rigward aċċessibilità għal *Head Office* u l-fergħat.
- In-numru ta’ każijiet li ra l-Bord dwar l-Eżami ta’ X’Inhu Raġonevoli kien 73 każ, żieda ta’ 34 każ. In-numru ta’ każijiet (27 każ) li ġew ikkunsidrati bħala raġonevoli (b’ċertu kundizzjonijiet) huma fl-istess livell ta’ dawk li ġew ikkunsidrati bħala mhux raġonevoli (29 każ)

# ĦARSA ĠENERALI

Kull sena, il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità tħoss il-bżonn li tippreżenta lill-pubbliku Malti l-ħidma li hi tkun wettqet matul it-tnax-il xahar ta' qabel biex tassigura li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) tkun qed tiġi osservata u hekk tkun ta' ġid mhux biss għall-persuni b'diżabilità nfushom imma għas-Soċjeta' kollha.

Dan ir-rapport ikopri l-perjodu Ottubru 2008 sa Settembru 2009. Dan minħabba l-fatt li din il-Liġi daħlet kollha fis-seħħ f'Ottubru 2000. Din il-ħidma ssir minn Taqsima żgħira fi ħdan is-segretarjat tal-Kummissjoni li tirċievi lmenti minn persuni li jħossuhom diskriminati minħabba d-diżabilità tagħhom. Dawn l-ilmenti, skont l-istess liġi, jistgħu jinqasmu f'sitt oqsma ġenerali:

- Il-Qasam tax-Xogħol (Xgħl)
- Il-Qasam tal-Edukazzjoni (Eduk)
- Il-Qasam tal-Aċċessibilità (Aċċ)
- L-Għoti ta' Oġġetti u Servizzi (Serv)
- Il-Qasam tad-Djar (Djar) u
- Il-Qasam tal-Assigurazzjoni (Ass).

## L-ILMENTI

Fid-disa' snin ta' tħaddim ta' din il-Liġi, il-Kummissjoni ħadmet fuq total ta' 285 ilment li minnhom 113 kienu għadhom pendenti mis-snin preċedenti filwaqt li rċeviet 172 ilment ġdid. Meta mqabbla ma' dawk tas-sena ta' qabel, dawn iċ-ċifri juru li:

- In-numru ta' lmenti ġodda żdied b'74 li jammonta għal żieda ta' 76%
- It-total ta' lmenti li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom matul din is-sena wera żieda ta' 102 ilment peress li s-sena ta' qabel il-Kummissjoni ħadmet fuq 183 ilment.

Il-medja ta' lmenti li l-Kummissjoni qed tirċievi kull sena matul dawn id-disa' snin hu ta' 97 ilment jiġifieri n-numru ta' lmenti ġodda li l-Kummissjoni rċeviet f'din l-aħħar sena hu ta' 75 ilment aktar minn din il-medja.

Dawn il-172 ilment kienu mqassma kif jidher f'Tabella 1.

Tabella 2 tqabbel l-ilmenti l-ġodda ma' dawk li daħlu fis-snin ta' qabel. Minn din it-tabella wieħed josserva dan li ġej:

- F'disa' snin, il-Kummissjoni investigat 875 ilment; medja ta' 97 ilment fis-sena, li tvarja bejn 71 u 172 ilmenti.
- Fil-qasam tax-xogħol, in-numru ta' lmenti ġodda għal dan il-perjodu żdied bi 3 ilmenti fuq dak tas-sena l-oħra filwaqt li l-perċentwal tal-ilmenti f'dan is-settur meta mqabbel mal-ilmenti kollha naqas b'żewġ punti perċentwali. Id-differenza fil-perċentwali għal dan is-settur meta mqabbel ma' dak tal-medja għal dawn id-disa' snin turi li kien hemm tnaqqis ta' 4 punti perċentwali. Dawn iċ-ċifri juru li l-persuni b'diżabilità donnu li mhux qed jirnexxielhom jużaw din il-Liġi b'daqshekk frekwenza f'dan is-settur.
- Fil-qasam tal-edukazzjoni, in-numru ta' lmenti wera żieda ta' 10 ilmenti billi n-numru tela' minn 28 għal 38 ilment. Dawn iċ-ċifri juru li l-ilmenti f'dan is-settur jirrappreżentaw 22% tal-ilmenti kollha għal din is-sena, li tfisser tnaqqis ta' 7 punti perċentwali pero' hu punt perċentwali aktar mill-medja għad-disa' snin kollha. Hawn ta' min jinnota li numru sostanzjali tal-ilmenti kienu relatati mas-servej li l-Kummissjoni bdiet is-sena l-oħra dwar l-iskejjel tal-kompjuters. Għalhekk l-użu ta' din il-Liġi mill-persuni b'diżabilità f'dan is-settur tista' tgħid li baqa' fl-istess livell tas-sena l-oħra.

**TABELLA 1: Ilmenti li sar xogħol fuqhom fl-2008-2009**

| | Xgħl | | Eduk | | Aċċ | | Serv | | Djar | | Ass | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr |
| Mis-snin ta' qabel | 0 | 0 | 27 | 24 | 74 | 65 | 11 | 10 | 0 | 0 | 1 | 1 | 113 |
| Ġodda | 11 | 6 | 38 | 22 | 65 | 38 | 50 | 29 | 6 | 3 | 2 | 1 | 172 |
| **Total** | **11** | **4** | **65** | **23** | **139** | **49** | **61** | **21** | **6** | **2** | **3** | **1** | **285** |

- Bħas-snin preċedenti, il-qasam tal-aċċessibilità baqa' l-qasam li l-aktar isiru lmenti dwaru, fejn kien hemm żieda ta' 21 ilment mis-sena l-oħra, billi n-numru tela' minn 44 ilment għal 65 ilment. Il-65 ilment li kien hemm f'dan il-qasam jikkostitwixxu fi 38% tal-ilmenti kollha. Dan il-persentaġġ ta' lmenti f'dan il-qasam meta mqabbel mal-ilmenti kollha hu 7 punti anqas minn dak tas-sena l-oħra u hu 4 punti anqas mill-medja għas-snin kollha.
- Fil-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi, in-numru ta' lmenti żdied b'35 ilment, minn 15-il ilment tela' għal 50 ilment. Il-perċentwal meta mqabbel mal-ilmenti kollha juri żieda ta' 14-il punt fuq dak tas-sena l-oħra,

**TABELLA 2: Ilmenti matul is-snin**

| | Xgħl | | Eduk | | Aċċ | | Serv | | Djar | | Ass | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr |
| 00/01 | 13 | 14 | 10 | 11 | 50 | 53 | 19 | 20 | 1 | 1 | 2 | 2 | 95 |
| 01/02 | 10 | 13 | 8 | 11 | 42 | 55 | 14 | 18 | 2 | 3 | - | - | 76 |
| 02/03 | 11 | 15 | 23 | 31 | 18 | 24 | 16 | 21 | 5 | 7 | 2 | 3 | 75 |
| 03/04 | 9 | 13 | 16 | 23 | 25 | 35 | 16 | 23 | 2 | 3 | 3 | 4 | 71 |
| 04/05 | 7 | 8 | 26 | 29 | 27 | 30 | 25 | 27 | 4 | 4 | 2 | 2 | 91 |
| 05/06 | 6 | 7 | 24 | 26 | 42 | 46 | 18 | 20 | 1 | 1 | 1 | 1 | 92 |
| 06/07 | 9 | 9 | 14 | 13 | 57 | 54 | 22 | 21 | 1 | 1 | 2 | 2 | 105 |
| 07/08 | 8 | 8 | 28 | 29 | 44 | 45 | 15 | 15 | 2 | 2 | 1 | 1 | 98 |
| 08/09 | 11 | 6 | 38 | 22 | 65 | 38 | 50 | 29 | 6 | 3 | 2 | 1 | 172 |
| **Total 00/09** | **84** | **10** | **187** | **21** | **370** | **42** | **195** | **22** | **24** | **3** | **15** | **2** | **875** |
| **Medja kull sena** | **9** | **9.6** | **21** | **22.2** | **41** | **43.2** | **23** | **24.2** | **3** | **0.3** | **3-** | **0.3** | **95** |

liema perċentwal hu wkoll 7 punti aktar minn dak tal-medja. Dawn iċ-ċifri juru li l-persuni b'diżabilità qed isiru aktar konxji dwar l-użu ta' din il-Liġi f'dan is-settur importanti.

- In-numru ta' lmenti fil-qasam tad-djar baqa' baxx ħafna meta mqabbel mal-oqsma l-oħra. In-numru ta' lmenti f'dan is-settur żdied b'4 ilmenti, minn 2 ilmenti tela' għal 6 ilmenti. Din iċ-ċifra tirrappreżenta 3% tal-ilmenti kollha, u meta mqabbla ma' dik tas-sena l-oħra tfisser punt perċentwal aktar, jew l-istess livell tal-medja għas-snin kollha.
- L-istess jista' jingħad għall-qasam tal-assigurazzjoni, fejn l-ilmenti żdiedu b'ilment wieħed, minn 1 għal 2 ilmenti. Il-perċentwal meta mqabbel mal-ilmenti kollha hu l-aktar baxx mill-oqsma kollha li hu ta' 1%, punt perċentwal anqas mill-medja tas-snin kollha li hija ta' 2%.

Dawn iċ-ċifri juru biċ-ċar li l-persuni b'diżabilità f'Malta qed jużaw l-aktar din il-Liġi biex jippruvaw itejbu l-qasam tal-aċċessibilità, li baqa' l-aktar qasam li dwaru l-persuni b'diżabilità jħossuhom diskriminati. Il-persuni b'diżabilità f'Malta qed iħossuhom diskriminati wkoll fil-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi, li kellu l-akbar żieda fuq is-sena ta' qabel meta tqabbel l-oqsma kollha. L-użu ta' din il-Liġi fil-qasam tal-edukazzjoni baqa' wieħed sostanzjali, filwaqt li n-numru ta' lmenti fil-qasam tax-xogħol baqa' bejn 8 u 13 ilment fis-sena.

Wieħed jista' jara x'ġara mill-285 ilment li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom matul din is-sena permezz ta' Tabella 3. Minn dawn, 140 ilment ingħalqu filwaqt li 139 ilment għadhom miftuħin u għadhom qed jiġu diskussi. Ingħalqet waħda mill-kawżi li kellha l-Kummissjoni u li kienet quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ dwar l-ispiżerija Rational, f'Birkirkara. Il-Kummissjoni fetħet kawża ġdida kontra l-Banif Bank filwaqt li kellha żewġ kawżi oħra l-Qorti. Ġie ppreżentat ukoll protest ġudizzjajru f'erba' każijiet oħra, wieħed minnhom ikun kontra l-istess Banif qabel infetħet il-kawża.

Din it-Tabella turi wkoll li l-Kummissjoni rnexxielha tikkonkludi kważi nofs l-ilmenti li kellha, 49% tal-ilmenti kollha li ħadmet fuqhom matul din is-sena. Dan il-persentaġġ huwa ogħla

**TABELLA 3: X'sar mill-ilmenti 2008-2009**

| | Xgħl | | Eduk | | Aċċ | | Serv | | Djar | | Ass | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % |
| Magħluqa | 11 | 8 | 31 | 22 | 45 | 32 | 45 | 32 | 6 | 4 | 2 | 1 | 140 | 49 |
| Diskussi | - | - | 33 | 24 | 89 | 64 | 16 | 12 | - | - | 1 | 1 | 139 | 49 |
| Qorti: Kawża/ Protest | - | - | 1 | 17 | 5 | 83 | - | - | - | - | - | - | 6 | 2 |
| **Total** | **11** | **4** | **65** | **23** | **139** | **49** | **61** | **21** | **6** | **2** | **3** | **1** | **285** | **100** |

minn dak tas-sena l-oħra, li kien ta' 38%, li jfisser żieda ta' 11-il punt perċentwali. Naturalment żieda fil-każijiet konklużi dejjem tista' titqies bħala xi ħaġa pożittiva u timplika mhux biss aktar effiċjenza imma wieħed jittama wkoll f'aktar disponibilità biex is-soċjeta' telimina d-diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità.

In-numru ta' lmenti li spiċċaw quddiem il-Qorti jew Arbitraġġ baqa' fl-istess livelli tas-snin ta' qabel, 7 każijiet u u dan jirrappreżenta biss 2% tal-każijiet kollha li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom f'dan il-perjodu, li huwa l-istess perċentwal tas-sena ta' qabel. Ta' min isemmi li każ minnhom li kien quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ġie konkluż. Dawn il-figuri jikkonfermaw l-istrateġija użata mill-Kummissjoni li tirrikorri biss għall-Qorti jew l-Arbitraġġ jekk ifallu n-negozjar, il-medjazzjoni u l-persważjoni ma' min assolutament ma jridx jagħti każ tar-responsabilità legali u soċjali li għandu jew għandha lejn il-persuni b'diżabilità.

Kif imsemmi diġa', in-numru ta' lmenti li għadhom miftuħa u li jridu jitkomplew id-diskussjonijiet dwarhom hu ta' 145. Din iċ-ċifra turi żieda sostanzjali ta' 32 ilment fuq dak tas-sena ta' qabel u għalhekk timplika ħidma qawwija li l-Kummissjoni trid tkompli tagħmel f'dan is-settur.

Tabella 3 tagħti wkoll analiżi tal-ilmenti li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom matul din is-sena, skont it-tip ta' lment.

Il-maġġoranza tal-ilmenti magħluqa kienu dwar l-aċċessibilità u dwar l-għoti ta' oġġetti u servizzi (45 ilment jew 32% tal-ilmenti li rċeviet). Wieħed jista' jinnota li l-Kummissjoni rnexxielha

tagħlaq il-każijiet kollha relatati mal-qasam tax-xogħol (11-il ilment) u mal-qasam tad-djar (6 ilmenti). Fil-qasam tal-edukazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet 31 ilment jew 22% tal-ilmenti li kellha filwaqt li fil-qasam tal-assigurazzjoni l-Kummissjoni kkonkludiet 2 ilmenti jew 1% tal-ilmenti kollha li rċeviet.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' ilmenti li baqgħu miftuħin u li għad irid isir aktar xogħol dwarhom fix-xhur li ġejjin, il-maġġoranza tagħhom (64%) huma relatati mal-aċċessibilità. Sitta minn dawn il-każijiet li għadhom pendenti spiċċaw quddiem il-Qorti billi jew infetħet kawża jew inkella ġie ppreżentat protest ġudizzjarju kontrihom. Ħamsa minn dawn l-ilmenti huma relatati mal-qasam tal-aċċessibilità filwaqt li l-ieħor huwa relatat mal-qasam tal-edukazzjoni. It-tieni l-akbar numru ta' lmenti li għadhom miftuħin huwa dak relatat mal-edukazzjoni, 33 ilment; filwaqt li hemm 16-il ilment miftuħ fil-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi.

## KONTRA MIN SARU L-ILMENTI

Il-Kummissjoni tinvestiga lmenti li jsiru kontra diversi entitajiet f'pajjiżna kemm dawk pubbliċi li jinkludu l-Gvern, entitajiet parastatali, Kunsilli Lokali, entitajiet privati kif ukoll il-Knisja. Tabella 4 toffri analiżi tal-ilmenti li l-Kummissjoni rċeviet matul is-snin u mqassmin skont l-entità. Din it-tabella turi li matul din is-sena kien hemm aktar ilmenti li saru kontra entitajiet pubbliċi (55%) milli kontra s-settur privat (44%). Dan ifisser li l-ilmenti kontra entitajiet pubbliċi żdiedu b'14-il punt perċentwali, minn 41% għal 55%. Dan hu wkoll 6 punti perċentwali anqas mill-medja li hi ta' 61%.

L-ikbar ċaqlieq tal-ilmenti kien fil-konfront tal-Gvern waħdu, fejn żdiedu b'20 punt perċentwal, filwaqt li t-tieni l-akbar ċaqlieq kien fil-konfront tas-settur privat li naqas b'14-il punt perċentwal. Din l-istatistika turi li tkompliet ix-xejra fejn donnu l-persuni b'diżabilità jħossuhom aktar kunfidenti li jilmentaw kontra l-Gvern milli kontra s-settur privat. It-tielet l-akbar ċaqlieq kien fil-konfront tal-Kunsilli Lokali fejn dawn naqsu b'10 punti perċentwali, filwaqt li r-raba'

l-akbar ċaqlieq kien fil-konfront ta' entitajiet parastatali fejn dawn żdiedu b'4 punti perċentwali. Fl-aħħarnett ta' min isemmi li l-ilmenti fil-konfront tal-Knisja baqgħu fuq l-istess livelli tas-sena l-oħra, jiġifieri 13%.

Tabella 5 toffri analiżi aktar wiesgħa billi jidhru l-ilmenti fil-konfront ta' entitajiet differenti u l-oqsma differenti.

Meta wieħed iħares lejn din it-tabella jista' josserva li:

- Il-maġġoranza tal-ilmenti relatati mal-qasam tax-xogħol saru fil-konfront tal-Gvern (64%).
- Il-maġġoranza tal-ilmenti dwar l-edukazzjoni huma fil-konfront tas-settur privat (50%) bir-raġuni tkun li l-Kummissjoni għaddejja bl-investigazzjoni dwar l-iskejjel tal-kompjuters.
- Fir-rigward tal-aċċessibilità, il-maġġoranza tal-ilmenti huma fil-konfront tal-Knisja (28%) u dan minħabba li l-Kummissjoni

**TABELLA 4: Kontra min saru l-ilmenti**

| | Gvern | | Para | | KL | | Kns | | Priv | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | |
| 00/01 | 38 | 40 | 23 | 24 | 6 | 6 | 9 | 9 | 19 | 20 | 95 |
| 01/02 | 23 | 30 | 13 | 17 | 16 | 21 | 14 | 18 | 10 | 13 | 76 |
| 02/03 | 34 | 45 | 11 | 15 | 9 | 12 | 2 | 3 | 19 | 25 | 75 |
| 03/04 | 43 | 61 | 6 | 8 | 8 | 11 | 4 | 6 | 10 | 14 | 71 |
| 04/05 | 29 | 32 | 15 | 16 | 11 | 12 | 11 | 12 | 25 | 27 | 91 |
| 05/06 | 28 | 30 | 14 | 15 | 5 | 5 | 25 | 27 | 20 | 22 | 92 |
| 06/07 | 16 | 15 | 25 | 24 | 15 | 14 | 17 | 16 | 32 | 30 | 105 |
| 07/08 | 16 | 16 | 10 | 10 | 15 | 15 | 13 | 13 | 44 | 45 | 98 |
| 08/09 | 62 | 36 | 25 | 14 | 9 | 5 | 23 | 13 | 53 | 31 | 172 |
| **Total 00/09** | **289** | **33** | **142** | **16** | **94** | **11** | **118** | **13** | **232** | **27** | **875** |

**Tabella 5: Ilmenti fil-konfront ta' entitajiet u oqsma differenti**

| | Gvern | | Para | | Kunsilli | | Knisja | | Privat | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | |
| Xogħol | 7 | 64 | 2 | 18 | 1 | 9 | - | - | 1 | 9 | 11 |
| Eduk | 11 | 29 | 4 | 11 | - | - | 4 | 11 | 19 | 50 | 38 |
| Aċċ | 12 | 18 | 11 | 17 | 7 | 11 | 18 | 28 | 17 | 26 | 65 |
| Servizzi | 29 | 58 | 8 | 16 | 1 | 2 | 1 | 2 | 11 | 22 | 50 |
| Djar | 3 | 50 | - | - | - | - | - | - | 3 | 50 | 6 |
| Assig | - | - | - | - | - | - | - | - | 2 | 100 | 2 |
| **Total** | **62** | **36** | **25** | **8** | **9** | **5** | **23** | **13** | **53** | **31** | **172** |

qiegħda tagħmel eżerċizzju flimkien mal-Knisja biex tal-anqas il-knejjes parrokkjali jkollhom l-entratura prinċipali aċċessibbli għal kulħadd. Imbagħad hemm ilmenti oħra fil-konfront tas-settur privat (26%), fil-konfront tal-Gvern (18%), fil-konfront ta' entitajiet parastatali (17%) u fil-konfront tal-Kunsilli Lokali (11%).

- Aktar minn nofs l-ilmenti dwar l-għoti ta' oġġetti u servizzi huma fil-konfront ta' Gvern (58%). Il-kumplament tal-ilmenti huma kontra s-settur privat (22%), entitajiet parastatali (16%), u Kunsilli Lokali u l-Knisja (2%).

Tabella 6 toffri analiżi oħra dwar il-285 ilment li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom matul din is-sena, skont l-entitajiet li kontrihom saru l-ilmenti, u x'kien ir-riżultat ta' din il-ħidma.

Minn din it-tabella joħroġ ċar li l-Kummissjoni rnexxielha tagħlaq 49% tal-ilmenti li kellha matul din is-sena, li jfisser żieda ta' 11-il punt perċentwali fuq is-sena l-oħra. Dan hu sinjal tajjeb ħafna għax jindika li hemm aktar disponibilità biex tinstab soluzzjoni u b'hekk tonqos id-diskriminazzjoni fil-konfront ta' persuni minħabba d-diżabilità tagħhom. L-ikbar numru ta' lmenti magħluqa kienu fil-konfront ta' entitajiet parastatali (73% tal-każijiet), filwaqt li t-tieni u t-tielet l-ikbar numru ta' lmenti magħluqa kienu fil-konfront tal-Gvern (69%) u tal-Kunsilli Lokali (61%) rispettivament. L-ilmenti magħluqa fil-konfront tas-settur privat kienu ta' 43% filwaqt li r-rata

**TABELLA 6: X'sar mill-ilmenti skond l-entitajiet**

| | Mgħl | | Disk | | Qorti | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % |
| Gvern | 59 | 69 | 14 | 16 | 2 | 2 | 85 | 30 |
| Para | 16 | 73 | 16 | 73 | - | - | 22 | 8 |
| KL | 11 | 61 | 7 | 39 | - | - | 18 | 6 |
| Kns | 9 | 16 | 46 | 84 | - | - | 55 | 19 |
| Priv | 45 | 43 | 56 | 53 | 4 | 4 | 105 | 37 |
| **Total** | **140** | **49** | **139** | **49** | **6** | **2** | **285** | **100** |

tal-ilmenti magħluqa fil-konfront tal-Knisja kienet waħda baxxa ta' 16%. Dan il-fatt fir-rigward tal-Knisja hu wieħed pjuttost ta' diżappunt għaliex bir-raġun, il-persuni b'diżabilità jistennew aktar disponibilità minn dan is-settur.

## IL-QORTI JEW ARBITRAĠĠ

Matul din is-sena l-Kummissjoni kellha 7 każijiet li kienu jew spiċċaw quddiem il-Qorti jew l-Arbitraġġ, billi nfetħet jew tkompliet kawża jew inkella ġie ppreżentat protest ġudizzjarju. It-tliet każijiet li dwarhom hemm kawża fil-Qorti huma:

- Il-każ kontra d-Diviżjoni tas-Saħħa rigward l-aċċessibilità fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira peress li dan joffri s-servizzi tiegħu mit-tieni sular u m'hemmx lift;
- Il-każ kontra l-Ministeru tal-Edukazzjoni rigward l-għoti ta' mediċina fl-iskejjel lill-istudenti b'diżabilità. Hawnhekk qed isiru tentattivi serji biex tinstab soluzzjoni barra l-Qorti.
- Il-każ kontra l-Banif Bank rigward l-aċċessibilità għal *Head Office* u l-fergħat tiegħu. Hawnhekk ukoll qed isiru taħditiet sabiex possibilment tinstab soluzzjoni barra l-Qorti.

Il-Kummissjoni kellha wkoll każ quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ, liema każ kien dwar l-aċċessibilità għall-ispiżerija Rational. Sfortunatament dan il-każ ġie deċiż kontra l-Kummissjoni u issa huwa magħluq.

Barra minn hekk hemm erba' każijiet li dwarhom ġew ippreżentati protesti ġudizzjarji fil-Qorti. Dawn huma kollha relatati ma' aċċessibilità fiżika u jinkludu s-Sala Sant'Anna f'Marsaskala, l-iSky Club f'Paceville, il-Huggins Pub f'Paceville u l-Bank Banif.

## BORD DWAR L-EŻAMI TA' X'INHU RAĠONEVOLI

Skont il-Liġi Opportunitajiet Indaqs, il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tirċievi lmenti ta' diskriminazzjoni, tinvestigahom, timmedja biex tinstab soluzzjoni u jekk tħoss il-ħtieġa, tressaq il-każ tagħha għall-Arbitraġġ jew il-Qorti. Il-Kummissjoni hi obbligata wkoll li tagħti pariri fuq il-Liġi u l-infurzar tagħha kemm lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom kif ukoll lill-bqija tas-soċjeta', li għandha xi obbligi li joħorġu minn din il-Liġi.

Il-Kummissjoni trid twettaq din il-ħidma bil-limiti ta' dak li l-istess Liġi tiddefinixxi bħala "raġonevoli" (Kapitlu IV). Għal dan il-għan, il-Kummissjoni waqqfet bord biex jgħinha tiddeċiedi x'għandu jiġi kkunsidrat bħala raġonevoli f'każijiet partikulari. Fil-bidu ta' din is-sena dan il-bord beda jitmexxa mis-Sur Joseph M Camilleri, ċermen tal-Kummissjoni minflok is-Sur Bezzina. Il-membri l-oħra ta' dan il-bord huma: is-Sinjura Marianne Debono, maniġer tat-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs fil-Kummissjoni, is-Sur Gordon Cardona (persuna b'diżabilità), is-Sur John Peel (ġenitur ta' persuna b'diżabilità li ma tistax tirrappreżenta lilha nnifisha), is-Sur Joseph B Camilleri (mis-settur pubbliku), is-Sinj Anne McKenna (mis-settur privat) u l-Perit Dr Joseph Spiteri (konsulent tekniku). Is-Sinj Alison Zammit hi s-segretarja ta' dan il-bord.

Ħafna drabi d-deċiżjonijiet meħuda minn dan il-bord ikunu negozjati u għalhekk il-maġġoranza ta' dawn il-każijiet jiġu aċċettati bħala li huma raġonevoli imma b'ċerti kundizzjonijiet. Il-ħidma ta' dan il-bord matul dawn l-aħħar sitt snin hija riflessa f'Tabella 7.

Il-maġġoranza assoluta tal-każijiet li jara dan il-bord tkun kontestazzjoni tal-pożizzjoni li tkun ħadet il-Kummissjoni meta tivvettja applikazzjonijiet għall-iżvilupp li jsiru lill-MEPA.

In-numru ta' każijiet li ra dan il-bord matul din is-sena żdied minn 39 għal 73 ilment, li huwa ogħla

mill-medja (54 ilment) għas-sitt snin li ilu jiffunzjona dan il-bord. Din hi żieda qawwija u tkompli tindika l-ħidma kbira li qed tagħmel il-Kummissjoni f'dan is-ettur. In-numru ta' każijiet minn dawk deċiżi li ġew ikkunsidrati bħala li huma raġonevoli (b'ċertu kundizzjonijiet) huwa bejn wieħed u ieħor fl-istess livell ta' dawk li ġew ikkunsidrati bhala mhux raġonevoli, tal-ewwel 27 każ u tat-tieni 29 każ. Dan juri titjib konsiderevoli fuq ir-riżultat tas-sena l-oħra, li hi ħaġa pożittiva ħafna.

## KONSULTAZZJONI

Il-Kummissjoni tagħti importanza qawwija lill-aspett edukattiv ta' din il-Liġi u għaldaqstant matul din is-sena kompliet bil-ħidma tagħha biex toffri servizz ta' konsulenza dwar din il-Liġi kemm lil dawk li jaħdmu dirett f'dan is-settur, jiġifieri l-persuni b'diżabilità, il-familji u l-organizzazzjonijiet tagħhom u l-professjonisti, kif ukoll dawk il-persuni u l-entitajiet li għandhom xi obbligi b'din il-Liġi, bħalma huma dawk li jħaddmu n-nies, dawk li joffru servizz, entitajiet edukattivi u l-bqija. In-numru ta' konsultazzjonijiet kien wieħed qawwi.

## TAQSIMA LIĠI OPPORTUNITAJIET INDAQS

Il-Kummissjoni għandha taqsima żgħira fi ħdan is-Segretarjat tagħha li bħala ħidma għandha t-tħaddim ta' din il-Liġi. Din it-taqsima tikkonsisti:

**TABELLA 7: Bord dwar l-eżami ta' x'inhu raġonevoli**

| | 03/04 | | 04/05 | | 05/06 | | 06/07 | | 07/08 | | 08/09 | | Total 03/09 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % |
| Każijiet diskussi | 51 | | 71 | | 59 | | 29 | | 39 | | 73 | | 322 | |
| Raġonevoli b'kundizzjoni/jiet | 30 | 59 | 27 | 38 | 15 | 25 | 11 | 38 | 15 | 38 | 27 | 37 | 125 | 39 |
| Mhux raġonevoli | 21 | 41 | 44 | 62 | 44 | 75 | 18 | 62 | 24 | 62 | 29 | 40 | 180 | 56 |
| Iktar informazzjoni mitluba | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 16 | 22 | 16 | 5 |
| Riferuti għall-bord tal-KNPD | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 1 | 1 | 1 | 0 |

- Il-Maniġer tat-Taqsima, is-Sinjura Marianne Debono
- Is-Services Officer, is-Sur Elvin Sciberras
- Il-Konsulent Legali, Dr Daniela Mangion.

## KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni kif għamlet fil-passat se tkompli taħdem biex tara li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) tkompli tiġi mħaddma sew biex hekk il-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom ikollhom l-ogħla kwalità ta' ħajja possibbli. M'hemmx dubju li dan l-impenn jissaħħaħ ħafna meta Malta, kif inhi impenjata li tagħmel, tirratifika l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità kif ukoll il-Protokoll Mhux Obbligatorju li hemm ma' din il-Konvenzjoni. Għalhekk parti mill-ħidma tal-Kummissjoni għas-sena li ġejja hi li tkompli taħdem kemm biex titħares il-Liġi Opportunitajiet Indaqs imma wkoll li pajjiżna jirratifika fl-iqsar żmien possibbli din il-Konvenzjoni (u l-Protokoll) u mbagħad naturalment tara wkoll li pajjiżna jibda jaħdem bis-sħiħ biex din il-Konvenzjoni tiġi implimentata fil-prattika.

**Fred Bezzina**
*Direttur Eżekuttiv*

**Marianne Debono**
*Maniġer - Taqsima LOI*

**Elvin Sciberras**
*Services Officer - Taqsima LOI*

# ILMENTI IMPORTANTI

Din it-taqsima fiha rendikont qasir tal-ilmenti prinċipali li ħadmet fuqhom il-Kummissjoni matul din l-aħħar sena. Dawn se jinqasmu fi tliet taqsimiet:

- Ilmenti magħluqa għal diversi raġunijiet primarjament għaliex tkun instabet soluzzjoni raġonevoli għalihom;
- Ilmenti li dwarhom għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet;
- Ilmenti li spiċċaw quddiem il-Qorti jew l-Arbitraġġ.

## ILMENTI MAGĦLUQA

### IX-XOGĦOL

**Talba biex issir rampa quddiem il-post tax-xogħol**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment mingħand persuna li għandha problemi fil-mobilità tagħha u li kienet qed issib diffikulta' biex tidħol fil-post tax-xogħol tagħha. Wara diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill Lokali, dan aċċetta li jagħmel rampa skont il-Linji Gwida quddiem ix-xogħol tagħha u hekk ġiet megħluba din id-diffikulta'.

### EDUKAZZJONI

**Lift fil-Junior Lyceum Agius De Soldanis f'Victoria, Għawdex**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li minkejja li jeżisti lift f'din il-Junior Lyceum, dan ma kienx qed jiffunzjona. Persuni b'diżabilità li kienu jagħmlu użu minn din l-iskola, staff u studenti bdew isibu diffikulta' minħabba dan in-nuqqas. Wara li l-Kummissjoni kitbet diversi drabi lill-Ministeru għal Għawdex, ittieħdu l-passi meħtieġa biex dan il-lift jibda jaħdem kif suppost.

**Ilment dwar il-kors Pathways fl-iMCAST**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment dwar il-kors Pathways li jsir fl-iMCAST. Dan il-kors huwa intiż biex jgħin persuni b'diżabilità intellettwali jiksbu ħiliet biex ikunu jistgħu jsibu xogħol. Wara

diskussjonijiet mal-iMCAST, kien hemm qbil li dan il-kors jerġa' jibda. Kien hemm qbil ukoll dwar il-kriterji użati ta' kif wieħed jista' jidħol għal dan il-kors. Dan il-kors ġie wkoll estiż għall-istudenti Għawdxin.

## AĊĊESSIBILITÀ

### Aċċessibilità fit-Tribunal Reġjonali ta' Ħal Qormi

Ilment ieħor li rċeviet il-Kummissjoni kien dwar nuqqas ta' aċċess fiżiku fit-Tribunal Reġjonali ta' Ħal Qormi, fejn persuni b'nuqqas ta' mobilità severa kienu qed iħabbtu wiċċhom ma' problemi sostanzjali biex jattendu s-seduti u xi wħud minnhom saħansitra ma setgħux jiddefendu lilhom infushom quddiem dan it-Tribunal. Wara diskussjonijiet twal mal-Kunsill Lokali Qormi, mal-Kumitat Konġunt Ċentrali u anke mal-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, ingħata bidu għal modifikazzjonijiet meħtieġa fejn il-Kummissjoni bi pjaċir innutat li dan ix-xogħol twettaq u t-Tribunal sar aċċessibbli għal kulħadd.

### Hoist għall-Pixxina tal-Isptar San Luqa

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li numru sostanzjali ta' persuni b'diżabilità ma setgħux jieħdu s-servizz ta' fiżjoterapija fil-pixxina tal-Isptar San Luqa minħabba li ma kienx hemm *hoist* biex tgħin lilhom (u lill-professjonisti li jipprovdu dan is-servizz) jinżlu ġol-pixxina. Wara diskussjonijiet twal mal-awtoritajiet tal-Isptar intlaħaq ftehim li dan il-*hoist* għandu jinxtara. Fil-fatt l-awtoritajiet onoraw dan il-ftehim billi xtraw dan l-apparat u issa dawn il-persuni jistgħu jieħdu s-servizz sħiħ tal-fiżjoterpija anke fil-pixxina ta' dan l-Isptar.

### Aċċessibilità fil-ħanut Cutajar Ltd, f'San Ġwann

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-entratura ta' dan il-ħanut mhix konformi mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni, minkejja li kien hemm pjanti approvati minnha qabel inħareġ il-permess tal-MEPA. Sar kuntatt ma' sid il-ħanut, fejn dan aċċetta li jagħmel it-tibdil neċessarju billi wettaq modifikazzjonijiet fir-rampa u waħħal il-*handrails* meħtieġa.

### Aċċessibilità fin-Notte Bianca

Il-Kummissjoni rċeviet ilmenti mingħand persuni b'diżabilità dwar nuqqas ta' arranġamenti biex din l-attività tkun aċċessibbli għal kulħadd. Wara laqgħa mal-

Kunsill Malti tal-Kultura u l-Arti, dawn aċċettaw is-suġġeriment tal-Kummissjoni li jibdew jiġu kkonsultati persuni b'diżabilità waqt il-preparazzjoni ta' attivitajiet simili (fosthom anke tal-Karnival). Ġiet anke żviluppata strateġija u struttura li għandha sservi bħala bażi għall-kooperazzjoni u koordinament fit-tul bejn iż-żewġ naħat.

**Aċċessibilità għall-Isle of MTV fuq il-Fosos tal-Furjana**

Persuni b'diżabilità b'nuqqas ta' mobilità severa staqsew lill-Kummissjoni jekk il-kunċert ta' din is-sena hux se jkun aċċessibbli għalihom. Il-Kummissjoni għamlet kuntatt mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, l-organizzatur ta' dan il-kunċert fejn din aċċettat mill-ewwel li tikkonsulta mal-persuni b'diżabilità nfushom waqt il-preparazzjoni għal dan il-kunċert u b'hekk jiġi żgurat aċċess tajjeb għalihom, kif fil-fatt ġara minkejja li għad hemm lok għal aktar titjib

**Aċċessibilità fil-Mużew tal-Kunvent tal-Karmelitani, fl-Imdina**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li r-*railing* tal-injam li kien jifforma parti mir-rampa ta' dan il-mużew kien tneħħa. Dan ir-*railing* hu essenzjali għas-sigurta' tal-persuni li jużaw ir-rampa bis-siġġu tar-roti. Fl-investigazzjoni li għamlet il-Kummissjoni, saret taf li saħansitra ftit ġranet wara kienet tneħħiet anke r-rampa. Minnufih inġibdet l-attenzjoni tal-maniġer tal-mużew fejn dan assigura li r-*railing* tneħħa għax kellu bżonn li jsirulu xi modifiċi, filwaqt li r-rampa tneħħiet ukoll biex jiġi evitat il-periklu. Fil-fatt ftit żmien wara r-rampa bir-*railings* kif suppost reġgħet lura f'postha.

## GĦOTI TA' OĠĠETTI U SERVIZZI

**Is-Servizz tal-Gozo Channel**

Il-Kummissjoni kompliet taħdem biex is-servizz mogħti mill-Gozo Channel ikun verament aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, l-aktar dawk b'diżabilità fiżika. Saħqet ukoll li dawn is-servizzi jkunu magħrufa minn kulħadd bħal per eżempju bil-ħruġ ta' fuljett li jitqassam lil kulħadd. Kien hemm qbil dwar dan u l-Kumpanija anke aċċettat li l-Kummissjoni tagħti taħditiet lill-impjegati kollha tagħha biex dawn ikollhom għarfien akbar f'dan il-qasam. Intlaħaq ftehim ukoll biex il-Kumpanija toħroġ fuljett dwar is-servizzi li hi toffri f'dan ir-rigward, li fil-fatt ġie' ppubblikat matul din is-sena.

**Vjaġġar bl-Ajru b'Kelb Gwida**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment minn persuna b'nuqqas ta' dawl li ntalbet tħallas għal seat *extra* għall-Kelb Gwida tagħha fuq l-ajruplan. Il-Kummissjoni investigat u sostniet li dan kien imur mhux biss kontra l-Liġi Opportunitajiet Indaqs imma wkoll kontra d-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar l-Ivjaġġar bl-Ajru u l-Persuni b'Diżabilità u li daħlet fis-seħħ f'Lulju 2008. Wara diskussjonijiet mal-linja tal-ajru Easy Jet, il-Kummissjoni ġiet mgħarrfa li hi bidlet il-proċedura tagħha biex tiġi konformi mal-Liġi u mad-Direttiva u hekk tkun eliminata din id-diskriminazzjoni u l-ilment ikun jista' jingħalaq.

## ILMENTI LI GĦADHOM QED JIĠU DISKUSSI

### EDUKAZZJONI

**Aċċessibilità fl-Iskejjel tal-Kompjuters**

Il-Kummissjoni rċeviet diversi lmenti li persuni b'diżabilità kienu qed isibu diffikultajiet enormi biex isegwu korsijiet tal-kompjuter minħabba li dawn jingħataw f'bini li fiżikament mhux aċċessibbli għalihom. Is-sena l-oħra l-Kummissjoni kitbet lil diversi skejjel li joffru dawn il-korsijiet biex tassigura li dawn l-ilmenti jispiċċaw. Matul din is-sena, il-Kummissjoni kompliet b'dan l-eżerċizzju u kitbet lil diversi skejjel oħra li jipprovdu dan is-servizz. Fl-istess waqt, l-iMCAST ħareġ *tenders* biex, b'fondi tal-Unjoni Ewropea, jixtri s-servizzi edukattivi minn uħud minn dawn l-iskejjel. L-iMCAST, kif anke jitolbu r-regolament tal-Unjoni Ewropea, esiġa li min jirbaħ it-*tender* irid jopera minn postijiet aċċessibbli. Għalhekk l-eżerċizzju tal-Kummissjoni ġie kkumplimentat mill-attivita tal-iMCAST f'dan is-settur. Matul din is-sena, il-Kummissjoni ffirmat ftehim ma' żewġ skejjel li joffru tagħlim tal-kompjuter fejn dawn ikkommettew ruħhom li joffru opportunitajiet indaqs lill-klijenti u lill-ħaddiema tagħhom, b'diversi metodi kif titlob il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). Min-naħa l-oħra jidher ċar li l-eżerċizzju li bdiet il-Kummissjoni biex tassigura li dawn l-iskejjel joperaw minn bini aċċessibbli għal kulħadd se jkun wieħed li jieħu fit-tul. Madankollu, il-Kummissjoni hija kommessa li tkompli b'din il-ħidma għaliex temmen fl-importanza li l-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess sħiħ għal dan it-tagħlim.

## AĊĊESSIBILITÀ

### Aċċessibilità fil-Junior College

Wara li l-Kummissjoni rċeviet ilmenti minn persuni b'diżabilità fiżika dwar nuqqas ta' aċċessibilità għalihom għall-Junior College, sar kuntatt mal-Università ta' Malta li taħtu jaqa' dan il-Kulleġġ. L-Università aċċettat li tispezzjona l-post flimkien ma' perit tal-Kummissjoni, sabiex jiġu identifikati l-problemi prinċipali. Il-Kummissjoni hija infurmata li ġew ippreżentati pjanti lill-MEPA li jindirizzaw din il-problema.

### L-Aula Magna fl-Università l-Qadima

Il-Kummissjoni kompliet bil-ħidma sabiex l-Aula Magna tal-Università l-Antika fil-Belt Valletta ssir aċċessibbli għal kulħadd. Fil-bidu kien hemm problemi minħabba li parti minn dan il-bini ma kienx jagħmel parti mill-Università. Issa l-bini kollu hu amministrat mill-Università u hemm pjanijiet li ssir stallazzjoni ta' lift li se jagħmel lis-sulari kollha aċċessibbli. Fil-fatt matul din is-sena saret applikazzjoni lill-MEPA f'dan ir-rigward u hekk kif jinħareġ il-permess, l-Università tibda x-xogħolijiet.

### Aċċessibilità fit-Toroq

Il-Kummissjoni kompliet tirċievi lmenti li numru ta' toroq kemm dawk arterjali kif ukoll residenzjali kienu qed isiru mhux skont il-Linji Gwida tal-Kummissjoni. Fir-rigward tat-toroq residenzjali, il-Kummissjoni titratta kull każ mal-Kunsill Lokali konċernat waqt li fil-każ tat-toroq arterjali, hi ressqet dawn l-ilmenti lill-Awtorità dwar it-Trasport.

Matul din is-sena l-Kummissjoni ltaqgħet darbtejn mal-Awtorità dwar it-Trasport wara li fil-passat kellha anke laqgħat mal-Ministru responsabbli, l-Onor Dr Austin Gatt, kif ukoll maċ-Ċermen, is-Sur Simon Vella. Fil-laqgħat mal-Awtorità ġie deċiż li l-Kummissjoni għandha tiġi infurmata liema toroq li dwarhom hemm ilmenti jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-ADT jew tal-Kunsilli Lokali. Fir-rigward tat-toroq tal-ADT, il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata jekk sarx ix-xogħol meħtieġ.

### Aċċessibilità f'Perch Beach

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-iżvilupp f'din il-bajja ma kienx sar skont il-permess kif maħruġ mill-MEPA. Għalkemm din il-bajja għandha rampa tajba, passaġġ

tal-injam fuq ir-ramel u faċilitajiet sanitarji aċċessibbli (meta jkunu miftuħin), dawn setgħu saru ħafna aħjar, l-aktar fir-rigward tal-passaġġ tal-injam. Barra minn hekk ma ġiex stallat *hoist* biex persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jinżlu fil-baħar kif propost fil-pjanti approvati mill-MEPA. Wara diskussjonijiet, l-affarijiet saru kollha minbarra l-*hoist*. Peress li nstab li *hoist* fuq bajja ssirlu ħafna ħsara mill-elementi naturali, sar qbil li minflok għandhom jinxtraw żewġ siġġijiet tar-roti b'*balloon tyres* li jkunu jistgħu jintużaw faċilment anke fuq ir-ramel. Il-Kummissjoni tat il-parir li dawn jiġu ppruvati fuq żewġ bajjiet differenti, u jekk jinstabu tajbin, jista' jiġi kkunsidrat li jinxtraw tnejn minnhom għal kull bajja.

### Uffiċini Distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali

Id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali għamel studju dettaljat ta' kull uffiċċju distrettwali tiegħu bil-għan li jitfassal pjan ħalli fuq medda ta' żmien dawn l-uffiċċji jsiru aċċessibbli sal-massimu possibbli. Sfortunatament għal xi żmien baqa' ma sar xejn minkejja pressjoni mill-Kummissjoni, madankollu matul din is-sena l-Kummissjoni ngħatat pjan marbut ma' żmien dwar il-ħidma f'kull uffiċċju distrettwali. Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi dan l-ilment mill-viċin ħalli jiġi żgurat li l-pjan kif mogħti lilha jiġi rispettat.

### Aċċessibilità għall-Bereġ

Il-Kummissjoni rċeviet diversi lmenti li l-Bereġ tad-Diviżjoni tas-Saħħa ma kinux aċċessibbli għal kulħadd u f'ħafna każi kienu wkoll diffiċli li jintużaw minn persuni anzjani. Bi qbil bejn iż-żewġ naħat kien sar *audit* tal-bereġ kollha b'rakkomandazzjonijiet kif tista' titjieb l-aċċessibilità sal-massimu possibbli. Madankollu minkejja li għadda ż-żmien, u minkejja li l-Kummissjoni talbet kemm-il darba li jsir pjan marbut ma' żmien raġonevoli, s'issa għadu ma ġiex reġistrat progress.

### Knejjes Parrokkjali f'Malta

Il-Kummissjoni kompliet bil-ħidma tagħha biex tal-anqas il-knejjes parrokkjali kollha jkollhom l-entratura prinċipali aċċessibbli għal kulħadd skont il-Linji Gwida tal-Kummissjoni. Matul din is-sena kompla sar xogħol fuq numru sostanzjali ta' knejjes biex dawn isiru aċċessibbli, waqt li oħrajn

għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwarhom. Din il-ħidma nbdiet wara laqgħa kordjali li l-Kummissjoni kellha mal-Arċisqof Mons Pawl Cremona u Mons Anton Gouder, Pro-Vigarju Ġenerali. F'din il-laqgħa kien intlaħaq ftehim li għandu jsir sforz qawwi ħalli din il-problema tissolva, b'mod raġonevoli u fl-iqsar żmien possibbli. Fil-fatt il-Kummissjoni qiegħda f'kuntatt fuq bażi regolari ma' Mons Gouder biex jiġi assigurat li dan il-għan jintlaħaq. Għalkemm ġie reġistrat progress, sfortunatament dan hu wieħed bil-mod ħafna.

### Knejjes Parrokkjali f'Għawdex

Il-Kummissjoni kellha l-istess problema dwar il-knejjes parrokkjali f'Għawdex u delegazzjoni tal-Kummissjoni kienet iltaqgħet mal-Isqof t'Għawdex, Mons Mario Grech. Matul din is-sena l-Kummissjoni reġgħet iltaqgħet mal-Isqof Grech għax ħasset li ftit li xejn kien qed jiġi reġistrat progress. Fil-fatt l-uniku titjib reġistrat kien jirrigwarda  l-aċċessibilità għas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. F'din il-laqgħa l-Kummissjoni ġiet żgurata li d-Djoċesi ta' Għawdex kienet impenjata li almenu żewġ knejjes parrokkjali fis-sena jsiru aċċessibbli għal kulħadd. Għas-sena 2009, id-Djoċesi indikat il-knejjes parrokkjali tax-Xagħra u s-Sannat.

### Il-Lukanda Riviera

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-Lukanda Riviera fiċ-Ċirkewwa li nfetħet wara s-sena 2000, minkejja li kienet konformi mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni, fil-preżent għandha numru anqas ta' kmamar aċċessibbli milli kellha fil-bidu u milli jitolbu l-istess Linji Gwida. Instab li l-maniġment kien bidel numru minn dawn il-kmamar f'uffiċini. Saret laqgħa mal-maniġment tal-Lukanda fejn dan ma aċċettax li jżid in-numru ta' dawn il-kmamar biex jiġi konformi mal-permess tiegħu tal-MEPA u mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex tinstab soluzzjoni għal din il-problema.

### Aċċessibilità fil-fergħat tal-Lombard Bank

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-fergħat tal-Lombard m'humiex aċċessibbli għal kulħadd. Kif sar mal-banek l-oħra lokali, sar kuntatt mal-maniġment fejn dan aċċetta li jiltaqa' mal-Kummissjoni u jiddiskuti l-qasam tal-aċċessibilità. F'din il-laqgħa ġie stabbilit li għandu jsir

*audit* tal-fergħat kollha li għandu l-Lombard, u li għandu jkun segwit bi pjan marbut ma' żmien biex il-fergħat isiru aċċessibbli sal-massimu possibbli. Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi dan l-ilment mill-viċin ħalli jiġi żgurat li dan iseħħ.

### Aċċessibilità għall-fergħat tal-APS Bank

